SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla Estiża)

5 ta' Ottubru 2020*

"Servizz pubbliku – Uffiċjali – Uffiċjal ċittadin tar-Renju Unit mad-dħul tiegħu fis-servizz tiegħu – Ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni – Kisba tan-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg matul il-karriera – Telf tal-allowance tal-espatrijazzjoni – Ugwaljanza fit-trattament – Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni – Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal"

Fil-Kawża T-18/19,

Colin Brown, residenti fi Brussell (il-Belġju), irrappreżentat minn I. Van Damme, avukat,

rikorrent,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn T. Bohr u D. Milanowska, bħala aġenti,

konvenuta,

sostnuta minn

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn M. Bauer u R. Meyer, bħala aġenti,

intervenjent,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO) tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2018 li tirrevoka l-benefiċċju tal-allowance tal-espatrijazzjoni tar-rikorrent u r-rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tiegħu u, min-naħa l-oħra, għall-istabbiliment mill-ġdid ta' dawn il-benefiċċji mill-1 ta' Diċembru 2017,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla Estiża),

komposta minn S. Papasavvas, President, S. Gervasoni, P. Nihoul, R. Frendo (Relatur) u J. Martín y Pérez de Nanclares, Imħallfin,

Reġistratur: L. Ramette, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tas-27 ta' Frar 2020,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Sentenza

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Ir-rikorrent, Colin Brown, inizjalment kellu biss il-kwalità ta' ċittadin tar-Renju Unit u għex hemmhekk sal-1996. Huwa studja fl-Italja fl-1996 u fl-1997, imbagħad fil-Belġju, minn Settembru 1997 sa Ġunju 1998. Ir-rikorrent sussegwentement għamel stage mal-Kummissjoni Ewropea fi Brussell (il-Belġju) mill-1 ta' Ottubru 1998 sat-28 ta' Frar 1999. Fl-aħħar nett, huwa ħadem full-time fis-settur privat fil-Belġju mill-1 ta' Marzu 1999 sal-31 ta' Diċembru 2000.

2 Ir-rikorrent beda jaħdem mal-Kummissjoni fl-1 ta' Jannar 2001. L-Uffiċċju "tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali" (PMO) tal-Kummissjoni tah l-allowance tal-espatrijazzjoni skont l-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal").

3 Fit-23 ta' Ġunju 2016, iċ-ċittadini tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ivvutaw f'referendum favur il-ħruġ tal-Istat tagħhom mill-Unjoni Ewropea. Wara l-adozzjoni, fit-13 ta' Marzu 2017, tal-European Union (Notification of Withdrawal) Act 2017 (il-Liġi tal-2017 dwar l-Unjoni Ewropea (Notifika tal-Ħruġ)) mill-Parlament tar-Renju Unit, fid-29 ta' Marzu 2017 il-Prim Ministru tar-Renju Unit innotifikat lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni ta' dan l-Istat Membru li joħroġ mill-Unjoni u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) skont l-Artikolu 50(2) TUE.

4 Fis-27 ta' Ġunju 2017, ir-rikorrent talab li jikseb in-nazzjonalità Belġjana, li huwa kiseb fit-3 ta' Novembru 2017. Huwa nnotifika lill-PMO dwar din il-bidla fis-sitwazzjoni fid-19 ta' Jannar 2018.

5 Fit-23 ta' Frar 2018, ir-rikorrent ġie informat, minn naħa, li l-benefiċċju tiegħu għall-allowance tal-espatrijazzjoni kien ġie rrevokat mill-31 ta' Ottubru 2017, minħabba li huwa kien kiseb in-nazzjonalità Belġjana, u, min-naħa l-oħra, li huwa tilef ukoll, konsegwentement, il-benefiċċju tar-rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar skont l-Artikolu 8 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

6 Wara talba għal spjegazzjoni, ir-rikorrent irċieva posta elettronika fil-5 ta' Marzu 2018 li minnha rriżulta li r-revoka tal-allowance tal-espatrijazzjoni kien iġġustifikat, skont l-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, mill-fatt li huwa kien ilu jirrisjedi fil-Belġju mill-1997.

7 Fid-19 ta' Marzu 2018, il-PMO ssostitwixxa d-deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2018 b'deċiżjoni ġdida li tistabbilixxi l-1 ta' Diċembru 2017 bħala d-data li fiha l-allowance tal-espatrijazzjoni u r-rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tar-rikorrent kienu ġew irrevokati (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

8 Fis-17 ta' Ġunju 2018, ir-rikorrent ressaq ilment li ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-15 ta' Ottubru 2018.

II. Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

9 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-11 ta' Jannar 2019, ir-rikorrent ippreżenta dan ir-rikors.

10 Il-Kummissjoni ppreżentat ir-risposta tagħha fl-20 ta' Marzu 2019.

11 Peress li l-kompożizzjoni tal-Awli tal-Qorti Ġenerali nbidlet, il-President tal-Qorti Ġenerali, permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Marzu 2019 u skont l-Artikolu 27(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, assenja mill-ġdid il-kawża lil Imħallef Relatur ġdid, assenjata lill-Ħames Awla.

12 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-12 ta' April 2019, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea talab li jintervjeni f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni.

13 Fid-9 ta' Mejju 2019, ir-rikorrent ippreżenta r-replika.

14 Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Mejju 2019, il-President tal-Ħames Awla tal-Qorti Ġenerali awtorizza l-intervent tal-Kunsill.

15 Fit-18 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni ppreżentat il-kontroreplika.

16 L-intervenjent ippreżenta n-nota tiegħu fil-25 ta' Ġunju 2019 u r-rikorrent ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwarha fit-termini mogħtija.

17 Peress li l-kompożizzjoni tal-Awli tal-Qorti Ġenerali nbidlet, skont l-Artikolu 27(5) tar-Regoli tal-Proċedura, l-Imħallef Relatur ġiet assenjata lir-Raba' Awla, u konsegwentement din il-kawża ġiet assenjata lilha.

18 Fuq proposta tar-Raba' Awla, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, skont l-Artikolu 28 tar-Regoli tal-Proċedura, li tibgħat il-kawża quddiem kulleġġ ġudikanti estiż. Il-Viċi President tal-Qorti Ġenerali ntalab jifforma parti mir-Raba' Awla Estiża, skont id-deċiżjoni tal-Konferenza Plenarja tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ottubru 2019 dwar il-Kompożizzjoni tal-Awli u l-assenjazzjoni tal-Imħallfin lill-Awli (ĠU 2019, C 372, p. 3), u jaġixxi bħala President tal-Awla, konformement mal-Artikolu 11(4) tar-Regoli tal-Proċedura.

19 Fuq proposta tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla Estiża) iddeċidiet, l-ewwel nett, li tiftaħ il-fażi orali tal-proċedura, it-tieni nett, li tagħmel mistoqsijiet bil-miktub lill-partijiet, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura, filwaqt li stednithom iweġbuhom waqt is-seduta u, it-tielet nett, li titlob informazzjoni mingħand il-Parlament Ewropew, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, konformement mal-Artikolu 24 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Din it-talba għal informazzjoni kienet intiża sabiex isir magħruf kif dawn it-tliet istituzzjonijiet jinterpretaw l-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal u kif dawn japplikawh, fil-każ fejn uffiċjal jew membru tal-persunal, li diġà għandu n-nazzjonalità ta' Stat Membru, matul il-karriera tiegħu jikseb in-nazzjonalità tal-Istat li fit-territorju tiegħu jinsab il-post ta' impjieg tiegħu.

20 Is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet bil-miktub u orali magħmula mill-Qorti Ġenerali nstemgħu matul is-seduta tas-27 ta' Frar 2020. Matul is-seduta, il-Kummissjoni u l-Kunsill ġew mistiedna jikkomunikaw lill-Qorti Ġenerali n-numru ta' uffiċjali li jibbenefikaw mill-allowance tal-espatrijazzjoni li kisbu n-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg tagħhom u n-numru ta' dawk li, fosthom, tilfu din l-allowance.

21 Fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti Ġenerali, fid-9 ta' Marzu 2020, stiednet lill-Kummissjoni tippreżenta nota ta' informazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 1959, li hija kienet qrat waqt is-seduta.

22 Il-Kummissjoni u l-Kunsill ikkomunikaw, fit-terminu mogħti, it-tweġibiet tagħhom għat-talbiet tal-Qorti Ġenerali magħmula waqt is-seduta u permezz ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura.

23 Fl-4 ta' Mejju 2020, ir-rikorrent ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar l-informazzjoni u d-dokument ikkomunikati wara s-seduta mill-Kummissjoni u mill-Kunsill. Fl-osservazzjonijiet tiegħu, ir-rikorrent wera dispjaċir dwar in-natura inkompleta, fil-fehma tiegħu, tal-imsemmija informazzjoni mingħajr madankollu ma talab li din tiġi kkompletata.

24 Fl-14 ta' Mejju 2020, ingħalqet il-fażi orali tal-proċedura u l-kawża tħalliet għad-deliberazzjoni.

25 Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

– tordna li l-allowance tal-espatrijazzjoni tiġi stabbilita mill-ġdid u li l-ispejjeż tal-ivjaġġar tiegħu jitħallsu lura b'effett mill-1 ta' Diċembru 2017;

– tordna l-ħlas, bl-interessi, tal-allowances u tal-ispejjeż li ma tħallsux bejn l-1 ta' Diċembru 2017 u d-data li fiha jiġi stabbilit mill-ġdid id-dritt tiegħu għall-imsemmija benefiċċji;

– tannulla, jekk il-Qorti Ġenerali tilqa' l-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma fir-rikors, l-applikazzjoni tal-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, sakemm l-istituzzjonijiet jissostitwixxu din id-dispożizzjoni b'dispożizzjonijiet ta' natura nondiskriminatorja;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

26 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż.

27 L-intervenjent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tiċħad ir-rikors.

III. Id-dritt

A. Fuq l-ewwel kap tat-talbiet

28 Insostenn tal-ewwel kap tat-talbiet tiegħu għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrent iqajjem erba' motivi, ibbażati:

– fuq ksur tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal;

– fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata tissuġġetta d-dritt tiegħu għall-allowance tal-espatrijazzjoni għall-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal;

– fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata interpretat l-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal bi ksur ta' dan il-prinċipju;

– fuq eċċezzjoni ta' illegalità kontra l-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

29 Fl-ewwel motiv tiegħu, li jista' jinqasam f'żewġ partijiet, ir-rikorrent jikkontesta li l-Kummissjoni setgħet teżamina mill-ġdid id-dritt tiegħu għall-allowance tal-espatrijazzjoni. Fl-ewwel parti ta' dan il-motiv, huwa jallega li l-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal ma jippermettix li dan id-dritt jiġi eżaminat mill-ġdid fil-każ ta' kisba ta' nazzjonalità ġdida. Fit-tieni parti, huwa jsostni li l-Kummissjoni kellha, tal-inqas, tieħu inkunsiderazzjoni r-restrizzjoni li huwa kien ser ikollu jsostni minħabba l-ħruġ eventwali tar-Renju Unit mill-Unjoni. Għaldaqstant, jirriżulta li l-ewwel motiv huwa bbażat mhux biss fuq ksur tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, kif jindika r-rikorrent, iżda wkoll fuq l-eżistenza ta' din ir-restrizzjoni.

30 Fit-tieni motiv tiegħu, li jista' wkoll jinqasam f'żewġ partijiet, ir-rikorrent isostni li l-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni kien jipprekludi li d-dritt tiegħu għall-allowance tal-espatrijazzjoni jiġi eżaminat mill-ġdid fid-dawl tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal. Fl-ewwel parti, huwa jallega li huwa ġie ttrattat bħallikieku huwa kellu n-nazzjonalità Belġjana matul l-għaxar snin li ppreċedew id-dħul tiegħu fis-servizz, filwaqt li matul dan il-perijodu huwa kien ċittadin tar-Renju Unit. Fit-tieni parti, huwa jesponi li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża, l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni affettwat lill-uffiċjali ċittadini tar-Renju Unit iktar mill-oħrajn kollha.

31 Fit-tielet motiv tiegħu, ir-rikorrent jipprevedi, sussidjarjament, l-ipoteżi li xejn ma jipprekludi lill-Kummissjoni milli teżamina mill-ġdid id-dritt tiegħu għall-allowance tal-espatrijazzjoni abbażi tal-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, iżda jsostni li, fi kwalunkwe każ, il-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni kellu jwassal għal interpretazzjoni differenti ta' din id-dispożizzjoni.

1. Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal u fuq l-eżistenza ta' restrizzjoni

32 Kif diġà ġie espost fil-punt 29 iktar 'il fuq, fl-ewwel motiv, ir-rikorrent jikkontesta li l-kisba tan-nazzjonalità Belġjana setgħet tiġġustifika l-eżami mill-ġdid tad-dritt tiegħu għall-allowance tal-espatrijazzjoni.

a) Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq il-ksur tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal

33 Ir-rikorrent isostni li l-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal ma jippermettix li jiġi eżaminat mill-ġdid id-dritt ta' uffiċjal għall-allowance tal-espatrijazzjoni minħabba li dan l-uffiċjal kiseb, matul il-karriera, in-nazzjonalità tal-pajjiż fejn huwa assenjat. Fid-dawl tal-għan tal-allowance tal-espatrijazzjoni, li huwa li jiġu kkumpensati l-ispejjeż u l-iżvantaġġi tad-dħul fis-servizz li jinvolvi bidla fir-residenza, jista' jsir eżami mill-ġdid tas-sitwazzjoni f'dan l-istadju biss fil-każ ta' bidla fil-post ta' impjieg.

34 L-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal huwa fformulat kif ġej:

"L-*allowance* ta' l-espatrijazzjoni għandu jitħallas […]:

(a) lill-uffiċjali:

– li m'humiex u qatt ma kienu ċittadini ta' l-Istat li fih territorju tiegħu qiegħed il-post fejn huma impjegati, u

– li [b'mod abitwali] matul il-ħames snin li jispiċċaw sitt xhur qabel daħlu fis-servizz ma kienux jgħixu jew iwettqu l-okkupazzjoni ewlenija tagħhom ġewwa t-territorju Ewropej ta' dak l-Istat. Għall-iskopijiet ta' din id-disposizzjoni, iċ-ċirkostanzi li jinħolqu minn xogħol li sar fi Stat ieħor jew għal organizzazzjoni internazzjonali ma jkunux ikkunsidrati;

(b) għall-uffiċjali li huma jew kienu ċittadini ta' l-Istat li fit-territorju jinsab il-post fejn huma impjegati iżda li [b'mod abitwali] matul l-għaxar snin li jispiċċaw fid-data ta' meta daħlu fis-servizz jgħixu barra t-territorju Ewropew ta' dak l-Istat għal raġunijiet minbarra l-qadi tad-dmirijiet fis-servizz ta' Stat jew ta' organizzazzjoni internazzjonali."

35 Dawn id-dispożizzjonijiet, bħal dawk kollha tad-dritt tal-Unjoni li jagħtu dritt għal benefiċċji finanzjarji, għandhom jiġu interpretati strettament (ara s-sentenza tat-18 ta' Lulju 2017, Il-Kummissjoni vs RN, T-695/16 P, mhux ippubblikata, EU:T:2017:520, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal ma jipprevedix espressament għall-possibbiltà li jiġi eżaminat mill-ġdid id-dritt għall-allowance tal-espatrijazzjoni fid-dawl ta' bidla fiċ-ċirkustanzi li sseħħ matul il-karriera ta' uffiċjal.

37 Madankollu, peress li l-allowance tal-espatrijazzjoni titħallas kull xahar, l-amministrazzjoni ma tistax tkompli tħallasha meta jseħħ avveniment li jibdel is-sitwazzjoni tal-persuna li tibbenefika minnha b'mod sostanzjali inkwantu dan ikollu effett fuq il-kundizzjonijiet li għalihom huwa suġġett l-għoti ta' din l-allowance. F'dan il-każ, u fl-assenza ta' dispożizzjoni li tipprekludi dan, l-amministrazzjoni għandha twettaq eżami mill-ġdid ta' din is-sitwazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2013, Achab vs KESE, F-21/12, EU:F:2013:95, punt 26). Fil-fatt, bil-kontra ta' revoka retroattiva ta' deċiżjoni, tħassir għall-futur huwa dejjem possibbli meta ċ-ċirkustanzi li ġġustifikaw din id-deċiżjoni ma jibqgħux issodisfatti. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, fid-dritt tas-servizz pubbliku, meta t-tkomplija tal-ħlas ta' elementi tar-remunerazzjoni tkun irregolari. Ir-Regolamenti tal-Persunal stess, fl-Artikolu 85 tagħhom, jikkonfermaw dan sa fejn jaċċettaw b'mod impliċitu l-waqfien ta' ħlasijiet indebiti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 1978, Herpels vs Il-Kummissjoni, 54/77, EU:C:1978:45, punti 38 sa 40).

38 Barra minn hekk, kif il-Qorti Ġenerali diġà kkonstatat, mill-kliem tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal bl-ebda mod ma jirriżulta li l-allowance tal-espatrijazzjoni tikkostitwixxi dritt kweżit (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Settembru 1993, Magdalena Fernández vs Il-Kummissjoni, T-90/92, EU:T:1993:78, punt 32).

39 Barra minn hekk, ir-rikorrent ma jikkontestax il-prinċipju nnifsu ta' eżami mill-ġdid, iżda sempliċement isostni li evalwazzjoni mill-ġdid tad-dritt għall-allowance tal-espatrijazzjoni tista' sseħħ biss fil-każ ta' bidla fl-assenjazzjoni tal-uffiċjal ikkonċernat u mhux fil-każ ta' kisba ta' nazzjonalità ġdida.

40 F'dan ir-rigward, ir-rikorrent isostni, l-ewwel nett, li l-kisba ta' nazzjonalità ġdida matul il-karriera ma tistax tiġġustifika reviżjoni tad-dritt għall-allowance tal-espatrijazzjoni, peress li l-espressjoni "li m'humiex u qatt ma kienu" ċittadini tal-pajjiż ta' impjieg, li tinsab fl-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, tirreferi biss għas-sitwazzjoni tal-uffiċjal fil-mument tad-dħul tiegħu fis-servizz, li tikkorrispondi għall-mument meta ttieħdet id-deċiżjoni fuq din l-allowance.

41 Madankollu, il-kundizzjoni li l-allowance tal-espatrijazzjoni tingħata lill-uffiċjali li "m'humiex […] ċittadini" tal-pajjiż ta' impjieg hija fformulata fil-preżent indikattiv. Barra minn hekk, fid-dawl tan-natura repetuta tal-ħlas ta' din l-allowance, din il-formulazzjoni ma teskludix li l-uffiċjal ikkonċernat ikollu jkompli jissodisfa matul il-karriera tiegħu l-kundizzjoni tal-assenza ta' nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg sabiex iżommha skont l-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2013, Achab vs KESE, F-21/12, EU:F:2013:95, punt 28).

42 Ir-rikorrent jikkontesta r-rilevanza ta' dik is-sentenza minħabba li, kuntrarjament għalih, M. Achab, ċittadin ta' pajjiż terz, ma kellux in-nazzjonalità ta' Stat Membru fil-mument tar-reklutaġġ tiegħu u f'dan ir-rigward kien ibbenefika minn deroga sabiex ikun jista' jiġi rreklutat. Madankollu, il-fatt li M. Achab ma kellux in-nazzjonalità ta' Stat Membru huwa irrilevanti fir-rigward tal-Artikolu 4 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, li huwa bbażat fuq in-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg u mhux fuq dik tal-pajjiż ta' oriġini. Barra minn hekk, hija l-kisba ta' din it-tieni nazzjonalità matul il-karriera li ġġustifikat, kemm fil-każ ta' M. Achab kif ukoll fil-każ tar-rikorrent, il-waqfien tal-ħlas tal-allowance tal-espatrijazzjoni li kienet ingħatatilhom skont il-paragrafu 1(a) ta' dan l-artikolu.

43 Barra minn hekk, il-fatt li l-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal jissuġġetta wkoll l-għoti tal-allowance tal-espatrijazzjoni għall-fatt li l-uffiċjali "qatt ma kienu ċittadini" tal-pajjiż ta' impjieg lanqas ma jipprekludi l-interpretazzjoni li l-kisba ta' din in-nazzjonalità matul il-karriera twassal għat-telf tad-dritt għal din l-allowance skont din id-dispożizzjoni.

44 Barra minn hekk, l-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal joriġina mill-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA), tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 1961 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 1962, 45, p. 1387), fil-verżjoni inizjali tiegħu. Issa, minn nota ta' informazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 1959 (ara l-punt 21 iktar 'il fuq) jirriżulta li, matul ix-xogħol preparatorju li wassal għall-adozzjoni ta' din id-dispożizzjoni, il-leġiżlatur eżamina diversi kriterji għall-għoti tal-allowance tal-espatrijazzjoni, iżda żamm dak tan-nazzjonalità minħabba n-natura "iktar preċiża u iktar sempliċi ta' applikazzjoni tiegħu" minn ta' oħrajn, filwaqt li kien konxju li dan il-kriterju "ma [kienx] jelimina d-diffikultajiet kollha ([speċjalment fil-]każ ta' nazzjonalità doppja)".

45 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-leġiżlatur ma kellux l-intenzjoni li jirregola l-każijiet kollha li jistgħu jseħħu, iżda għażel li jipprivileġġa formulazzjoni li fil-parti l-kbira tal-każijiet tissemplifika l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar id-dritt għal allowance tal-espatrijazzjoni. Konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 35 iktar 'il fuq, hija biss formulazzjoni differenti tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal li setgħet teskludi kull eżami mill-ġdid matul il-karriera tad-dritt għal din l-allowance wara l-kisba ta' nazzjonalità ġdida.

46 It-tieni nett, ir-rikorrent isostni li l-kisba tan-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg wara d-dħul fis-servizz hija biss mod fost oħrajn sabiex jiġu stabbiliti rabtiet ma' dan il-pajjiż u sabiex persuna tintegra ruħha fih. Issa, skont il-ġurisprudenza, l-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal ma jippermettix lill-Awtorità tal-Ħatra tneħħi l-allowance tal-espatrijazzjoni minħabba li l-ispejjeż u l-iżvantaġġi li jirriżultaw mid-dħul fis-servizz ikunu suffiċjentement ikkumpensati f'mument tal-karriera jew minħabba li l-uffiċjal issa jkun suffiċjentement integrat f'dan il-pajjiż.

47 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li min-nota ta' informazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 1959 (ara l-punt 21 iktar 'il fuq) jirriżulta li l-allowance tal-espatrijazzjoni ġiet imfassla bħala allowance "mogħtija bħala kumpens għall-ispejjeż materjali u għall-inkonvenjenzi morali li jirriżultaw mill-fatt li l-membru tal-persunal jitlaq mill-post ta' oriġini tiegħu" u li "l-membri tal-persunal ġeneralment iżommu relazzjonijiet familjari […] mar-reġjun ta' oriġini tagħhom". Issa, kif isostnu kemm ir-rikorrent kif ukoll il-Kummissjoni, dawn l-inkonvenjenzi u dawn l-ispejjeż jistgħu jibqgħu jeżistu matul il-karriera kollha u jistgħu wkoll imorru għall-agħar matulha, minkejja l-integrazzjoni fil-pajjiż ta' impjieg.

48 Barra minn hekk, ġie deċiż li l-għan tal-allowance tal-espatrijazzjoni kien li tikkumpensa l-ispejjeż u l-iżvantaġġi partikolari li jirriżultaw mid-dħul fis-servizz mal-Unjoni (sentenzi tat-13 ta' Lulju 2018, Quadri di Cardano vs Il-Kummissjoni, T-273/17, EU:T:2018:480, punt 44, u tat-28 ta' Frar 2019, Pozza vs Il-Parlament, T-216/18, mhux ippubblikata, EU:T:2019:118, punt 24) ta' uffiċjali li, sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom b'mod permanenti u sabiex josservaw l-Artikolu 20 tar-Regolamenti tal-Persunal, ikunu obbligati jittrasferixxu r-residenza tagħhom mill-Istat ta' domiċilju tagħhom lejn l-Istat ta' impjieg tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2007, F vs Il-Kummissjoni, T-324/04, EU:T:2007:140, punt 47).

49 Hekk imfassla, u kif osserva l-Kunsill, l-allowance tal-espatrijazzjoni tippermetti li jsir reklutaġġ fuq bażi ġeografika li hija l-iktar wiesgħa possibbli fost iċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni, konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal, u b'hekk tiffavorixxi ekwilibriju ġeografiku fi ħdan is-servizz pubbliku Ewropew, li huwa barra minn hekk meħtieġ mill-ispirtu tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 1964, Lasalle vs Il-Parlament, 15/63, EU:C:1964:9, punt 73).

50 F'din il-perspettiva, il-leġiżlatur ippreveda biss li l-integrazzjoni ta' uffiċjal fl-Istat tal-post ta' impjieg tiegħu kienet tipprekludi l-ħlas tal-allowance tal-espatrijazzjoni meta din kienet tirriżulta mill-fatt li, "[b'mod abitwali] matul il-ħames snin li jispiċċaw sitt xhur qabel daħlu fis-servizz ma kienux jgħixu jew iwettqu [okkupazzjoni ewlenija]" hemmhekk. Fi kliem ieħor, billi għamel dawn il-preċiżazzjonijiet, il-leġiżlatur eskluda li integrazzjoni li tirriżulta mill-fatt li, matul il-karriera tiegħu, l-uffiċjal ikkonċernat stabbilixxa r-residenza abitwali tiegħu fil-pajjiż ta' impjieg u jaħdem hemmhekk tista' tostakola dan il-ħlas.

51 Għall-kuntrarju, kif ġie espost fil-punti 41 sa 45 iktar 'il fuq, il-leġiżlatur ma eskludiex, bl-għażla tiegħu tal-formulazzjoni tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, li l-forma partikolari ta' integrazzjoni li hija l-kisba tan-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg wara d-dħul fis-servizz kienet tikkostitwixxi bidla sostanzjali fis-sitwazzjoni li tista' twassal għat-telf tal-allowance tal-espatrijazzjoni. Meta għamel din l-għażla, il-leġiżlatur baqa' fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li huwa kellu sabiex jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-uffiċjali tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Diċembru 2008, Centeno Mediavilla *et* vs Il-Kummissjoni, C-443/07 P, EU:C:2008:767, punt 91, u tal-4 ta' Marzu 2010, Angé Serrano *et* vs Il-Parlament, C-496/08 P, EU:C:2010:116, punt 86), inkluż fil-qasam tar-remunerazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, Carpenito vs Il-Kunsill, T-543/16 u T-544/16, mhux ippubblikata, EU:T:2018:955, punt 60).

52 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-PMO ma kisirx l-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal meta kkunsidra li l-kisba tan-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg matul il-karriera kellha twassal għal eżami mill-ġdid tad-dritt għall-allowance tal-espatrijazzjoni.

53 Għaldaqstant, l-ewwel parti tal-ewwel motiv hija infondata.

b) Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni r-restrizzjoni li tirriżulta mill-ħruġ eventwali tar-Renju Unit mill-Unjoni

54 Ir-rikorrent jesponi li l-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li huwa kien obbligat jitlob in-nazzjonalità Belġjana, peress li dak iż-żmien huwa kien deherlu li dik kienet l-unika soluzzjoni sabiex iżomm l-impjieg tiegħu fl-eventwalità tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni. Fil-fatt, il-Kulleġġ tal-Kummissarji ma pprovdiex, qabel it-28 ta' Marzu 2018, garanzija lill-uffiċjali ċittadini tar-Renju Unit li ma kinux ser jitneħħew mill-funzjonijiet tagħhom *ex officio*, meta, fil-każ li dan il-ħruġ isir effettiv, huma ma jibqax ikollhom in-nazzjonalità ta' Stat Membru.

55 Sabiex tiġi eżaminata din il-parti tal-motiv, għandu jitfakkar preliminarjament li mill-Artikolu 49 tar-Regolamenti tal-Persunal, moqri fid-dawl tal-Artikolu 28(a) tagħhom, jirriżulta li l-uffiċjal li ma jibqax jissodisfa l-kundizzjoni li jkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni jista' jitneħħa mill-funzjonijiet tiegħu *ex officio* permezz ta' deċiżjoni motivata tal-Awtorità tal-Ħatra, kif isostni ġustament ir-rikorrent.

56 Għandu jiġi osservat ukoll li huwa stabbilit bejn il-partijiet li l-uffiċjali ċittadini tar-Renju Unit ma rċevew l-ebda garanzija li l-Artikolu 49 tar-Regolamenti tal-Persunal ma huwiex ser japplika għalihom f'każ tal-ħruġ ta' dan l-Istat qabel ma r-rikorrent ikun talab li jikseb, u saħansitra kiseb, in-nazzjonalità Belġjana, fis-27 ta' Ġunju 2017. Kif jindika r-rikorrent, kien biss fit-28 ta' Marzu 2018 li l-Kummissjoni ddeċidiet li l-Awtorità tal-Ħatra ma kinitx ser tuża s-setgħa diskrezzjonali tagħha skont din id-dispożizzjoni, ħlief meta dan ikun debitament iġġustifikat f'każijiet speċifiċi, bħal f'kunflitti ta' interessi jew bis-saħħa ta' obbligi internazzjonali.

57 Fl-aħħar nett, għandu jiġi enfasizzat li s-sempliċi notifika mir-Renju Unit tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni ma biddlitx is-sitwazzjoni legali taċ-ċittadini tiegħu (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' Novembru 2018, Shindler *et*, T-458/17, EU:T:2018:838, punt 44).

58 Wara li dan ġie ppreċiżat, ir-rikorrent jibbaża l-allegat obbligu li kellha l-Kummissjoni li tieħu inkunsiderazzjoni r-restrizzjoni li huwa kellu jaffaċċja fuq il-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 4(3) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal. Bi tweġiba għal mistoqsija magħmula waqt is-seduta, ir-rikorrent ippreċiża li r-restrizzjoni li huwa invoka fl-atti proċedurali tiegħu tista' tikkostitwixxi forza maġġuri li l-kundizzjonijiet tagħha huma ssodisfatti f'dan il-każ.

59 Fir-rigward tal-Artikolu 4(3) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, għandu jitfakkar li din id-dispożizzjoni tassimila uffiċjal li, biż-żwieġ, kiseb *ex officio* n-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg, mingħajr possibbiltà li jirrinunzja għaliha, mal-uffiċjal li ma għandux u qatt ma kellu din in-nazzjonalità.

60 Ir-rikorrent ma jikkontestax li din id-dispożizzjoni ma hijiex applikabbli, bħala tali, f'dan il-każ. Madankollu, huwa jsostni li hija tistabbilixxi ġurisprudenza li hija nnifisha hija bbażata fuq il-konstatazzjoni li, għalkemm id-deċiżjoni li wieħed jiżżewweġ hija volontarja, iż-żwieġ kellu l-effett, fid-dritt ta' ċerti Stati Membri, li jagħti lill-konjuġi *ex officio* n-nazzjonalità tal-konjuġi tiegħu, mingħajr ma jkun possibbli għalih li jirrinunzja għaliha. Ir-rikorrent iqis li din is-sitwazzjoni hija paragunabbli ma' dik li issa huwa jinsab fiha. Fil-fatt, fil-fehma tiegħu, għalkemm ir-rieda tiegħu li jkompli jaħdem mal-Kummissjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni tirriżulta minn għażla personali, il-kisba tan-nazzjonalità Belġjana kienet, madankollu, imposta fuqu.

61 F'dan ir-rigward, għandha titfakkar il-ġurisprudenza li jirreferi għaliha r-rikorrent u li wasslet għall-Artikolu 4(3) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal. Fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Frar 1975, Airola vs Il-Kummissjoni (21/74, EU:C:1975:24, punt 12), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kellha tiġi injorata n-nazzjonalità imposta, mingħajr il-possibbiltà ta' rinunzja, fuq uffiċjal tas-sess femminili minħabba ż-żwieġ tagħha ma' ċittadin ta' Stat Membru ieħor minħabba li l-Artikolu 4 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal kellu jiġi interpretat b'mod li tiġi evitata kull differenza fit-trattament mhux iġġustifikata bejn l-uffiċjali taż-żewġ sessi li jkunu jinsabu f'sitwazzjonijiet paragunabbli (sentenza tal-20 ta' Frar 1975, Airola vs Il-Kummissjoni, 21/74, EU:C:1975:24, punti 9 sa 11).

62 Minn dan isegwi li, kuntrarjament għal dak li jissuġġerixxi r-rikorrent, din il-ġurisprudenza kienet ibbażata mhux fuq il-fatt, bħala tali, li n-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg kienet ġiet imposta fuq l-uffiċjal, iżda pjuttost fuq in-natura diskriminatorja tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li minnha d-dritt tal-Unjoni ma setax jislet il-konsegwenzi.

63 Issa, il-ksur tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni, li fuqu hija bbażata l-ġurisprudenza introdotta permezz tas-sentenza tal-20 ta' Frar 1975, Airola vs Il-Kummissjoni (21/74, EU:C:1975:24), u tal-Artikolu 4(3) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal huwa s-suġġett tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' motiv li ser jiġu eżaminati iktar 'il quddiem.

64 Fir-rigward tal-forza maġġuri, u jekk jiġi preżunt li l-argument ibbażat fuqha huwa ammissibbli bħala amplifikazzjoni tar-restrizzjoni invokata fl-atti proċedurali, minn ġurisprudenza stabbilita, li hija stabbilita f'diversi oqsma tad-dritt tal-Unjoni, jirriżulta li din hija kkaratterizzata minn żewġ elementi: l-ewwel nett, mill-eżistenza ta' ċirkustanzi esterni għall-persuna kkonċernata, anormali u imprevedibbli (sentenzi tat-18 ta' Diċembru 2007, Société Pipeline Méditerranée et Rhône, C-314/06, EU:C:2007:817, punt 23; tal-25 ta' Jannar 2017, Vilkas, C-640/15, EU:C:2017:39, punt 53; u d-digriet tat-28 ta' Mejju 2013, Honnefelder vs Il-Kummissjoni, T-130/13 P, EU:T:2013:276, punt 19); it-tieni nett, mill-fatt li, għalkemm iċ-ċirkustanzi ċċitati iktar 'il fuq ma humiex limitati għall-każijiet fejn l-eżekuzzjoni ta' obbligu hija assolutament impossibbli, dawn għandhom madankollu jkunu tali li din l-eżekuzzjoni tkun sagrifiċċju eċċessiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Diċembru 1970, Internationale Handelsgesellschaft, 11/70, EU:C:1970:114, punt 23; tal-15 ta' Diċembru 1994, Bayer vs Il-Kummissjoni, C-195/91 P, EU:C:1994:412, punt 32; u tad-19 ta' Ġunju 2019, RF vs Il-Kummissjoni, C-660/17 P, EU:C:2019:509, punt 37).

65 Madankollu, hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li, peress li l-kunċett ta' forza maġġuri ma għandux kontenut identiku fid-diversi oqsma ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, it-tifsira tiegħu għandha għalhekk tiġi ddeterminata skont il-kuntest legali li fih ikun intiż li jipproduċi l-effetti tiegħu (ara s-sentenza tal-25 ta' Jannar 2017, Vilkas, C-640/15, EU:C:2017:39, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66 F'dan il-każ u fid-dawl tal-kuntest tal-kawża, għandu jitqies li, permezz tal-argument tiegħu, ir-rikorrent jallega li l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni li poġġieh f'riskju ta' tneħħija mill-kariga kien jikkostitwixxi każ ta' forza maġġuri li jeżenta lill-PMO mill-obbligu li jeżamina mill-ġdid is-sitwazzjoni tiegħu fid-dawl tan-nazzjonalità Belġjana li huwa kien kiseb.

67 Issa, anki jekk l-intenzjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni kienet ċirkustanza esterna għall-persuna tar-rikorrent, anormali u imprevedibbli, il-provi prodotti mir-rikorrent ma jippermettux li jiġi stabbilit li l-eżami mill-ġdid tas-sitwazzjoni tiegħu fiċ-ċirkustanzi tal-kawża kien ikun eċċessiv fid-dawl tal-konsegwenzi tiegħu.

68 Ir-rikorrent jallega li, fid-dawl tal-intenzjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni u tal-konsegwenzi possibbli ta' dan il-ħruġ għall-uffiċjali ċittadini tar-Renju Unit, il-Kummissjoni stess inkoraġġiethom jitolbu n-nazzjonalità Belġjana. F'dan ir-rigward, huwa pproduċa ittra elettronika li l-President tal-Kummissjoni bagħtilhom fl-24 ta' Ġunju 2016. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li huwa llimita ruħu li jiżgura li l-"bieb ma [kienx] ser jingħalaq [f'wiċċhom]", li huwa kien ser jaħdem mal-presidenti tal-istituzzjonijiet l-oħra sabiex kulħadd ikun jista' jkompli jibbenefika mill-esperjenza tagħhom u li r-"Regolamenti tal-Persunal [kienu] ser jinqraw u jiġu applikati fi spirtu Ewropew". Minn dan ma jirriżultax li l-Kummissjoni ħeġġet lill-persuni kkonċernati li jiksbu n-nazzjonalità tal-post ta' impjieg tagħhom. Ir-rikorrent jipproduċi wkoll artiklu tal-istampa tat-3 ta' Mejju 2018 li jirrigwarda teħid ta' pożizzjoni tal-istess President tal-Kummissjoni, kif ukoll il-minuti ta' laqgħa informali tad-29 ta' Jannar preċedenti bejn il-persunal u l-Viċi President tal-Kummissjoni responsabbli b'mod partikolari għar-riżorsi umani. Madankollu, din il-laqgħa u dan it-teħid ta' pożizzjoni ġew wara d-data li fiha r-rikorrent kiseb in-nazzjonalità Belġjana u għalhekk ma setgħux iwassluh sabiex jieħu dan il-pass.

69 Fl-aħħar nett, ma jidhirx li t-telf tal-allowance tal-espatrijazzjoni kkostitwixxa piż eċċessiv fid-dawl tal-garanzija sħiħa li r-rikorrent kiseb sabiex iżomm l-impjieg tiegħu fil-każ tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni billi kiseb in-nazzjonalità Belġjana.

70 Barra minn hekk, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ħruġ ta' Stat Membru mill-Unjoni kien ta' natura li jaffettwa b'mod kunsiderevoli d-drittijiet taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni (sentenza tal-10 ta' Diċembru 2018, Wightman *et*, C-621/18, EU:C:2018:999, punt 64), hija madankollu ma ssuġġerietx li din ikollha xi obbligu li jinnewtralizza l-effetti tiegħu.

71 Għaldaqstant, l-ipoteżi ta' forza maġġuri għandha tiġi miċħuda f'dan il-każ, mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi eżaminat jekk, minkejja l-assenza ta' riferiment espliċitu għaliha fl-Artikolu 4 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, hija setgħetx madankollu tiġi invokata fid-dawl tal-istruttura u tal-għanijiet ta' din id-dispożizzjoni.

72 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, u fl-assenza ta' restrizzjoni li tista' legalment tittieħed inkunsiderazzjoni, ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar l-argument tar-rikorrent ibbażat fuq is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2013, Achab vs KESE (F-21/12, EU:F:2013:95), u fuq id-distinzjoni neċessarja bejn il-każ ineżami, ikkaratterizzat minn sitwazzjoni ta' restrizzjoni, u l-kawża li tat lok għall-imsemmija sentenza, li fiha l-persuna kkonċernata setgħet tkompli l-karriera tagħha anki mingħajr il-kisba tan-nazzjonalità Belġjana.

73 Minn dan isegwi li t-tieni parti tal-ewwel motiv hija infondata u li dan għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

2. Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni, sa fejn id-dritt tar-rikorrent għal allowance tal-espatrijazzjoni ġie eżaminat mill-ġdid fid-dawl tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal

74 Kif ġie espost fil-punt 30 iktar 'il fuq, fit-tieni motiv tar-rikors, ir-rikorrent isostni li l-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni kien jipprekludi li l-Kummissjoni twettaq eżami mill-ġdid tas-sitwazzjoni tiegħu fid-dawl tal-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

75 Għall-finijiet tal-eżami ta' dan il-motiv, għandu jitfakkar qabel kollox li, essenzjalment, skont l-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, id-dritt għall-allowance tal-espatrijazzjoni tal-uffiċjali li ma għandhomx in-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg jiddependi mill-post tar-residenza abitwali tagħhom matul il-ħames snin li jippreċedu d-dħul tagħhom fis-servizz, filwaqt li, skont l-Artikolu 4(1)(b) tal-istess anness, għall-uffiċjali li għandhom din in-nazzjonalità, dan id-dritt huwa evalwat fid-dawl tal-post ta' residenza abitwali tagħhom fuq perijodu ta' għaxar snin.

76 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, għall-uffiċjali li ma humiex ċittadini tal-pajjiż ta' impjieg, il-benefiċċju tal-allowance tal-espatrijazzjoni jiġi rrifjutat biss fil-każ fejn huma jkunu rrisjedew fih matul il-perijodu kollu ta' referenza ta' ħames snin, filwaqt li, għall-uffiċjali li għandhom in-nazzjonalità ta' dan il-pajjiż, il-fatt li jkunu żammew jew stabbilixxew fih ir-residenza abitwali tagħhom, anki jekk sempliċement għal perijodu qasir ferm matul il-perijodu deċennali ta' referenza, huwa biżżejjed sabiex iwassal għar-rifjut jew għat-telf tal-benefiċċju ta' din l-allowance (sentenzi tas-27 ta' Frar 2015, KESE vs Achab, T-430/13 P, EU:T:2015:122, punt 54, u tat-13 ta' Lulju 2018, Quadri di Cardano vs Il-Kummissjoni, T-273/17, EU:T:2018:480, punt 47).

77 Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li, wara li rrikonoxxa lir-rikorrent id-dritt għall-allowance tal-espatrijazzjoni mad-dħul tiegħu fis-servizz abbażi tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, il-PMO rrevokalu dan id-dritt abbażi tal-Artikolu 4(1)(b) tal-istess anness peress li issa kellu jitqies bħala uffiċjal "li [huwa] ċittadi[n]" tal-pajjiż ta' impjieg tiegħu.

78 Huwa fid-dawl ta' dawn il-premessi li għandhom jiġu eżaminati ż-żewġ partijiet tat-tieni motiv tar-rikors.

a) Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-uffiċjali ta' nazzjonalità Belġjana u tal-uffiċjali li ttrasferixxew iċ-ċentru prinċipali ta' interessi tagħhom

79 Ir-rikorrent isostni li, billi applikat għalih l-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kummissjoni ttrattat bl-istess mod żewġ kategoriji differenti ta' persuni, jiġifieri, minn naħa, il-persuni li kellhom in-nazzjonalità Belġjana jew, b'mod iktar ġenerali, dik tal-Istat ta' impjieg mad-dħul tagħhom fis-servizz, li kienu rrisjedew fih matul il-perijodu deċennali ta' referenza msemmi f'din id-dispożizzjoni u li ġew irreklutati mingħajr ma kienu f'sitwazzjoni ta' espatrijazzjoni u, min-naħa l-oħra, il-persuni li, bħalu, mad-dħul tagħhom fis-servizz ma kellhomx in-nazzjonalità inkwistjoni u li għalhekk ma setgħux, b'differenza mill-ewwel kategorija ta' persuni, jiġu preżunti li għandhom rabtiet mill-qrib mal-Istat ta' impjieg. Ir-rikorrent jallega wkoll, għall-kuntrarju, li huwa ġie ttrattat b'mod differenti minn uffiċjali oħra li telqu, bħalu, miċ-ċentru prinċipali ta' interessi tagħhom sabiex jidħlu fis-servizz tal-istituzzjonijiet u li madankollu żammew il-benefiċċju tal-allowance tal-espatrijazzjoni.

80 Għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jipprojbixxi li sitwazzjonijiet paragunabbli jiġu ttrattati b'mod differenti jew li sitwazzjonijiet differenti jiġu ttrattati bl-istess mod, sakemm tali trattamenti, differenti jew ugwali skont il-każ, ma jkunux oġġettivament iġġustifikati (ara s-sentenza tat-22 ta' Settembru 2017, Wanègue vs Il-Kumitat tar-Reġjuni,

T-682/15 P, mhux ippubblikata, EU:T:2017:644, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata). F'dan ir-rigward, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm is-sitwazzjonijiet legali kif ukoll dawk fattwali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2013, Achab vs KESE, F-21/12, EU:F:2013:95, punt 39).

81 Sussegwentement, huwa aċċettat li, sa fejn l-iffissar tal-kundizzjonijiet li jagħtu d-dritt għall-benefiċċju tal-allowance tal-espatrijazzjoni jaqa' taħt l-eżerċizzju mill-istituzzjonijiet ta' setgħa diskrezzjonali, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament ma jistax jinkiser ħlief fil-każ fejn l-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal jagħmel distinzjoni arbitrarja jew manifestament inadegwata meta mqabbla mal-għan tiegħu (ara s-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2004, E vs Il-Kummissjoni, T-251/02, EU:T:2004:357, punt 124 u l-ġurisprudenza ċċitata).

82 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat ukoll li n-nazzjonalità, li fuqha huwa bbażat l-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, twassal għall-preżunzjoni tal-eżistenza ta' rabtiet multipli u mill-qrib bejn il-persuna li jkollha din in-nazzjonalità u l-pajjiż tan-nazzjonalità tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 2007, B vs Il-Kummissjoni, F-7/06, EU:F:2007:129, punt 39, u tal-5 ta' Diċembru 2012, Bourtembourg vs Il-Kummissjoni, F-6/12, EU:F:2012:175, punt 26).

83 Barra minn hekk, u b'mod ġenerali, fid-dawl ta' din it-tifsira tan-nazzjonalità, tal-għan tal-allowance tal-espatrijazzjoni (ara l-punt 48 iktar 'il fuq) u tas-setgħa diskrezzjonali li kellu l-leġiżlatur tal-Unjoni (ara l-punt 81 iktar 'il fuq), dan tal-aħħar seta' leġittimament jippreżumi li l-membri tal-persunal li għandhom jew li kellhom in-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg ma batewx l-ispejjeż u l-iżvantaġġi li l-allowance tal-espatrijazzjoni kienet intiża sabiex tikkumpensa, jew tal-inqas mhux fl-istess livell ta' intensità bħall-membri tal-persunal li ma għandhomx din in-nazzjonalità. Għaldaqstant, il-leġiżlatur tal-Unjoni seta', mingħajr ma jagħmel distinzjoni arbitrarja jew manifestament inadegwata, jistabbilixxi distinzjoni bejn l-uffiċjali skont il-kriterju tan-nazzjonalità tagħhom fil-preżent jew fil-passat. Għall-istess raġunijiet, il-leġiżlatur kien ukoll iġġustifikat li jissuġġetta l-għoti tal-allowance tal-espatrijazzjoni lill-uffiċjali li għandhom jew li kellhom in-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg għal kundizzjonijiet stretti, b'mod partikolari għal dik li jkunu għexu b'mod abitwali barra mill-pajjiż ta' impjieg matul il-perijodu ta' referenza ta' għaxar snin (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2008, Blais vs BĊE, F-6/08, EU:F:2008:160, punt 102).

84 Madankollu, ir-rikorrent jenfasizza l-partikolarità tas-sitwazzjoni tiegħu. Huwa jsostni li huwa ma kellux in-nazzjonalità Belġjana matul il-perijodu deċennali ta' referenza previst fl-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, u anki li ċ-ċentru prinċipali tal-interessi tiegħu f'dak iż-żmien kien jinsab fi Troon, fir-Renju Unit, kif kienet ikkonstatat il-Kummissjoni fil-mument tad-dħul tiegħu fis-servizz. Konsegwentement, ir-rikorrent iqis li l-preżunzjoni li fuqha hija bbażata din id-dispożizzjoni, li matul dan il-perijodu huwa kellu rabtiet multipli u mill-qrib mal-Belġju, il-pajjiż ta' impjieg tiegħu, kienet infondata fil-każ tiegħu.

85 Kif isostni r-rikorrent, l-applikazzjoni li saret fir-rigward tiegħu fid-deċiżjoni kkontestata tal-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal hija bbażata fuq finzjoni, peress li huwa ġie ttrattat daqslikieku kellu n-nazzjonalità Belġjana qabel id-dħul tiegħu fis-servizz, fl-2001, filwaqt li huwa kisibha biss sbatax-il sena wara. Il-Kummissjoni ma tikkontestax dan, iżda tallega li l-kombinazzjoni ta' żewġ elementi fid-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri l-kisba tan-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg wara d-dħul fis-servizz u l-preżenza tar-rikorrent fit-territorju tiegħu qabel ir-reklutaġġ tiegħu, kienet tikkostitwixxi approċċ raġonevoli tas-sitwazzjoni fid-dawl tal-formulazzjoni tal-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, li, għandu jitfakkar, ma jistabbilixxix dispożizzjoni speċifika għar-riżoluzzjoni tal-kwistjoni tal-kisba ta' nazzjonalità ġdida matul il-karriera (ara l-punti 41, 44 u 51 iktar 'il fuq).

86 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li, bil-kontra tar-rimbors tal-ispejjeż taċ-ċaqliq u tal-ħlas tal-allowance tal-installazzjoni, l-allowance tal-espatrijazzjoni hija intiża sabiex titħallas matul il-perijodu kollu fis-servizz. Konsegwentement, l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni hija meħtieġa mhux biss fil-mument tad-dħul fis-servizz, iżda wkoll matul il-perijodu kollu, waqt eżami mill-ġdid tad-dritt għalih fid-dawl ta' bidla fiċ-ċirkustanzi.

87 Issa, il-fatt li l-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal ma jiġix applikat għar-rikorrent mill-mument li huwa sar Belġjan iwassal sabiex huwa jiġi ttrattat b'mod iktar vantaġġuż mill-Belġjani mit-twelid li daħlu fis-servizz f'istituzzjoni fil-Belġju li kellhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stretti imposti minn din id-dispożizzjoni sabiex jibbenefikaw mill-allowance tal-espatrijazzjoni matul il-karriera kollha tagħhom. Il-kontestazzjoni tad-dritt tar-rikorrent għall-allowance tal-espatrijazzjoni, fl-2018, wara li kien kiseb in-nazzjonalità Belġjana, tippermetti li dan jiġi ttrattat bl-istess mod bħall-Belġjani li, minħabba r-rabtiet tagħhom mal-Belġju, huma mċaħħda mill-benefiċċju tal-imsemmija allowance.

88 Barra minn hekk, l-assenza ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għar-rikorrent tkun tiddistingwih ukoll miċ-ċittadini Belġjani li ilhom żmien twil li kisru kull rabta mal-Belġju, iżda li kienu għexu hemmhekk, bħalu, matul il-perijodu deċennali ta' referenza qabel ma daħlu fis-servizz tal-Unjoni u ġew assenjati f'dak il-pajjiż. Fil-fatt, tali ċittadini jiġu rrifjutati l-allowance tal-espatrijazzjoni b'applikazzjoni tal-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Lulju 2018, Quadri di Cardano vs Il-Kummissjoni, T-273/17, EU:T:2018:480, punti 28, 46 u 47).

89 Barra minn hekk, il-fatt li ma jiġix applikat l-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għar-rikorrent li sar Belġjan matul il-karriera tiegħu jwassal ukoll sabiex huwa jiġi ttrattat b'mod iktar vantaġġuż minn Belġjan mit-twelid li rrinunzja n-nazzjonalità Belġjana għal nazzjonalità oħra, bħal dik tar-Renju Unit bħar-rikorrent, pereżempju, iżda li għex fil-Belġju xi żmien qabel ma ġie impjegat hemmhekk minn istituzzjoni.

90 Fl-aħħar nett, uffiċjal, bħar-rikorrent, li jikseb in-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg matul il-karriera tiegħu ma jibqax fl-istess sitwazzjoni tal-uffiċjali li ma esprimewx l-intenzjoni li jifformalizzaw ir-rabtiet tagħhom ma' dak il-pajjiż billi jiksbu n-nazzjonalità tiegħu. Minn tal-inqas, il-kisba ta' din in-nazzjonalità toħloq rabtiet politiċi iktar mill-qrib ma' dak il-pajjiż minn dawk li, meta jsir paragun, huma rrikonoxxuti mill-Artikolu 22 TFUE liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra.

91 Barra minn hekk, kif irrikonoxxiet il-Kummissjoni waqt is-seduta u kif jirriżulta min-nota ta' informazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 1959 diġà ċċitata iktar 'il fuq (ara l-punt 21 iktar 'il fuq), l-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal huwa r-riżultat ta' kompromess bejn għażliet differenti. Huwa ma għandux l-għan li jirregola espliċitament is-sitwazzjonijiet u d-diffikultajiet kollha li jistgħu jqumu, iżda li jipprovdi kriterji sempliċi u oġġettivi applikabbli faċilment fil-maġġoranza tal-każijiet (ara l-punt 45 iktar 'il fuq).

92 Fil-preżenza ta' tali *quod plerumque fit*, għandu jitfakkar li, anki jekk f'sitwazzjonijiet marġinali inkonvenjenzi okkażjonali għandhom jirriżultaw mill-istabbiliment ta' leġiżlazzjoni ġenerali u astratta, il-leġiżlatur ma jistax jiġi kkritikat li uża kategorizzazzjoni, peress li, minħabba li hija bbażata fuq elementi oġġettivi, din ma hijiex essenzjalment diskriminatorja fir-rigward tal-għan li għandu jintlaħaq minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Jannar 1981, Vutera vs Il-Kummissjoni, 1322/79, EU:C:1981:6, punt 9, u tal-15 ta' April 2010, Gualtieri vs Il-Kummissjoni, C-485/08 P, EU:C:2010:188, punt 81).

93 Madankollu, ir-rikorrent iqis li s-sitwazzjoni tiegħu turi problema sistematika ta' interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal li tista' taffettwa kategorija wiesgħa ta' uffiċjali.

94 Madankollu, minn artiklu tal-istampa li għalih jirreferi r-rikorrent jirriżulta li l-Kummissjoni kellha 32 847 persuna bħala impjegati fil-mument tal-fatti. Barra minn hekk, skont l-informazzjoni pprovduta minnha fuq talba tal-Qorti Ġenerali (ara l-punt 20 iktar 'il fuq), 98 membru tal-persunal tagħha li kienu ċittadini tar-Renju Unit meta daħlu fis-servizz u li jaħdmu fi Brussell kisbu n-nazzjonalità Belġjana wara r-referendum dwar il-ħruġ mill-Unjoni. Dejjem skont iċ-ċifri pprovduti mill-Kummissjoni, fost dawn, 40 uffiċjal żammew l-allowance tal-espatrijazzjoni, 23 tilfuha u, għal 35, il-benefiċċju ta' residenza barranija li preċedentement kellhom dritt għalih skont l-Artikolu 4(2) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal ġie rrevokat. Fl-aħħar nett, skont l-artiklu tal-istampa li għalih jirreferi r-rikorrent, il-Kummissjoni kien għad għandha, fil-postijiet ta' impjieg kollha, 700 ċittadin tar-Renju Unit wara l-ħruġ ta' dan tal-aħħar. Fir-rigward tal-Kunsill, skont iċ-ċifri li dan ikkomunika lill-Qorti Ġenerali, l-uffiċjali u l-membri tal-persunal li huma esklużivament ċittadini tar-Renju Unit kienu jammontaw għal 80 fil-mument tar-referendum imsemmi iktar 'il fuq u għal 30 fid-data tal-ħruġ effettiv tar-Renju Unit mill-Unjoni, fejn id-differenza tirriżulta mit-tluq mis-servizz jew mill-kisba ta' nazzjonalità oħra. B'mod partikolari, 14-il uffiċjal jew membru tal-persunal ċittadini tar-Renju Unit iddikjaraw li kisbu n-nazzjonalità Belġjana matul dan il-perijodu. Wara eżami mill-ġdid tas-sitwazzjoni tagħhom wara din il-kisba, tlieta minnhom tilfu l-allowance tal-espatrijazzjoni u 7 tilfu l-benefiċċju ta' residenza barranija.

95 Barra minn hekk, mill-informazzjoni mitluba mill-Parlament, mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti tal-Awdituri (ara l-punt 19 iktar 'il fuq) jirriżulta li, fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, 52 uffiċjal u membru tal-persunal li kisbu n-nazzjonalità Lussemburgiża matul il-karriera tagħhom qegħdin ikomplu jibbenefikaw mill-allowance tal-espatrijazzjoni b'applikazzjoni tal-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal u li, fil-Qorti tal-Awdituri, minn 23 ċittadin tar-Renju Unit tal-persunal li kienu jibbenefikaw minn din l-allowance u li kisbu n-nazzjonalità Lussemburgiża, 20 żammewha b'applikazzjoni tal-istess dispożizzjoni u tlieta tilfuha, peress li dawn kienu għexu fil-Lussemburgu fl-għaxar snin qabel id-dħul tagħhom fis-servizz.

96 Għalhekk, minn dawn iċ-ċifri kollha jirriżulta li s-sitwazzjoni li r-rikorrent jgħid li qiegħed jaffaċċja ma turix problema sistematika u li, kif jindika l-Kunsill, il-leġiżlatur ma aġixxiex illegalment meta uża l-kriterju tan-nazzjonalità sabiex jikkategorizza madwar 50 000 uffiċjal u membru tal-persunal tal-Unjoni sabiex jiddefinixxi f'liema każijiet dawn għandhom dritt għall-allowance tal-espatrijazzjoni.

97 Konsegwentement, ma jistax jitqies li l-PMO kiser il-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni meta interpreta l-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal fis-sens, l-ewwel nett, li kien jawtorizza eżami mill-ġdid tas-sitwazzjoni tar-rikorrent wara li dan kien kiseb in-nazzjonalità Belġjana, sussegwentement, li dan l-eżami mill-ġdid kellu jsir fid-dawl tal-paragrafu 1(b) ta' din id-dispożizzjoni u, fl-aħħar nett, li, għal dan l-għan, kellu jsir riferiment għall-perijodu deċennali ta' referenza qabel id-dħul tiegħu fis-servizz.

98 Din il-konklużjoni ma hijiex invalidata mill-argument tar-rikorrent li t-trattament tiegħu bħallikieku kien Belġjan residenti fil-Belġju matul il-perijodu deċennali ta' referenza wassal lill-Kummissjoni sabiex tinjora l-fatt li, qabel ma kiseb din in-nazzjonalità matul il-karriera, huwa kien preċedentement eżerċita d-dritt tiegħu għall-moviment liberu sabiex jiġi rreklutat mill-istituzzjonijiet. Ir-rikorrent isostni, f'dan ir-rigward, li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Novembru 2017, Lounes (C-165/16, EU:C:2017:862, punt 49), qieset li s-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' Stat Membru, li preċiżament eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu billi mar u rrisjeda legalment fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, ma tistax tiġi assimilata ma' sitwazzjoni purament interna minħabba s-sempliċi fatt li dan iċ-ċittadin, matul din ir-residenza, kiseb in-nazzjonalità tal-Istat Membru ospitanti minbarra n-nazzjonalità ta' oriġini tiegħu.

99 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, f'dik is-sentenza, il-kwistjoni kienet dwar jekk ċittadin ta' Stat Membru li jkun eżerċita d-dritt tiegħu ta' moviment liberu u ta' residenza libera fi Stat Membru ieħor kienx għadu jista' jinvoka d-drittijiet ta' moviment liberu u ta' residenza previsti fl-Artikolu 21(1) TFUE, f'dan l-Istat l-ieħor, minkejja li kien kiseb in-nazzjonalità tiegħu, u jekk setax,

konsegwentement, jinvoka wkoll id-dritt li jgħix ħajja tal-familja normali f'dak il-pajjiż, filwaqt li hemmhekk jibbenefika mill-preżenza, flimkien miegħu, tal-membri tal-familja tiegħu, jiġifieri l-konjuġi tiegħu, li tkun ċittadina ta' Stat terz u li tkun qiegħda tirrisjedi illegalment (sentenza tal-14 ta' Novembru 2017, Lounes, C-165/16, EU:C:2017:862, punti 51 u 52).

100 Issa, f'dan il-każ, ir-rikorrent ma stabbilixxiex li d-deċiżjoni kkontestata taffettwa d-drittijiet li huwa għandu abbażi tal-Artikolu 21(1) TFUE fil-Belġju. Għall-kuntrarju, bi tweġiba għall-mistoqsijiet li sarulu matul is-seduta, ir-rikorrent indika li l-konjuġi tiegħu kellha b'mod partikolari n-nazzjonalità Franċiża u li l-familja tiegħu kienet tirrisjedi fi Franza u mhux fit-territorju Belġjan. Barra minn hekk, id-deċiżjoni kkontestata ma hijiex ibbażata fuq assimilazzjoni tas-sitwazzjoni tar-rikorrent ma' sitwazzjoni purament interna. Din hija bbażata biss fuq il-fatt li, matul il-perijodu deċennali ta' referenza, huwa kien, bis-saħħa tal-eżerċizzju tad-dritt tiegħu ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju ta' Stati Membri oħra, jirrisjedi b'mod abitwali, fis-sens tal-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, fil-pajjiż ta' impjieg li *a posteriori* huwa kiseb in-nazzjonalità tiegħu.

101 Fid-dawl ta' dak li ntqal, l-ewwel parti tat-tieni motiv hija infondata.

b) Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni għad-detriment tal-uffiċjali ċittadini tar-Renju Unit

102 Ir-rikorrent isostni li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal li hija l-bażi tad-deċiżjoni kkontestata hija diskriminatorja sa fejn hija fil-fatt taffettwa lill-uffiċjali ċittadini tar-Renju Unit iktar mill-oħrajn kollha. Fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, dawn kienu fil-fatt l-uniċi li kellhom jiksbu nazzjonalità ġdida sabiex ma jitilfux l-impjieg tagħhom. Skont ir-rikorrent, din id-diskriminazzjoni ma hijiex iġġustifikata fid-dawl tal-għan tal-allowance tal-espatrijazzjoni.

103 Il-Kummissjoni madankollu tosserva, ġustament, li l-kisba tat-tieni nazzjonalità ma hijiex sitwazzjoni li tikkonċerna esklużivament liċ-ċittadini tar-Renju Unit u li l-eżami mill-ġdid f'dan il-każ tas-sitwazzjoni amministrattiva tal-membri tal-persunal jgħodd għal kulħadd.

104 B'hekk, fil-Bullettin ta' Informazzjoni tagħha Nru 18 tax-xahar ta' Frar 2016, jiġifieri qabel ir-referendum dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni li seħħ fit-23 ta' Ġunju ta' wara, il-Kummissjoni kienet ġibdet l-attenzjoni tal-persunal kollu tagħha għall-fatt li l-kisba tan-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg matul il-karriera seta' jkollha impatt fuq id-dritt għall-allowance tal-espatrijazzjoni u kienet teħtieġ evalwazzjoni ġdida.

105 Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet diġà adottat din il-perspettiva fil-Komunikazzjoni Amministrattiva Nru 317 tal-14 ta' April 1981 dwar il-benefiċċju ta' residenza barranija u l-allowance tal-espatrijazzjoni, imxandra għalhekk *in tempore non suspecto*, lil hinn minn kull perspettiva tal-ħruġ tar-Renju Unit.

106 Barra minn hekk, fid-dawl tal-punti 64 sa 70 iktar 'il fuq, ma jidhirx li l-konsegwenzi tal-kisba tan-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg mill-uffiċjali ċittadini tar-Renju Unit kienu tali li kellhom iwasslu lill-Kummissjoni sabiex tastjeni milli teżamina mill-ġdid is-sitwazzjoni tar-rikorrent fir-rigward tad-dritt tiegħu għall-allowance tal-espatrijazzjoni.

107 Għaldaqstant, it-tieni parti tat-tieni motiv hija infondata.

108 Konsegwentement, it-tieni motiv għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

3. Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq il-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata interpretat l-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal bi ksur ta' dan il-prinċipju

109 Kif ġie espost fil-punt 31 iktar 'il fuq, fit-tielet motiv, ir-rikorrent isostni li, anki jekk jitqies li l-Kummissjoni kellha raġun li teżamina mill-ġdid id-dritt tiegħu għall-allowance tal-espatrijazzjoni abbażi tal-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, hija ma interpretatx b'mod korrett fir-rigward tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni l-kundizzjoni li, sabiex jibbenefikaw minn dan id-dritt, l-uffiċjali kkonċernati jridu jkunu "[b'mod abitwali] jgħixu barra t-territorju Ewropew" tal-Istat ta' impjieg.

110 Skont ir-rikorrent, sabiex tkun konformi mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, din il-kundizzjoni kellha tiġi interpretata billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal huwa bbażat fuq il-preżunzjoni li l-uffiċjal li għandu n-nazzjonalità ta' Stat Membru għandu rabtiet multipli u mill-qrib ma' dan l-Istat. Huwa jsostni li, għall-kuntrarju, l-uffiċjal li ma kellux in-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg matul il-perijodu deċennali ta' referenza ma jistax jiġi preżunt li f'dak il-mument kellu tali rabtiet ma' dak il-pajjiż. Għaldaqstant, ir-rikorrent jissuġġerixxi li, fil-każ ta' uffiċjal li jikseb in-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg matul il-karriera, il-kunċett ta' residenza abitwali li jinsab fl-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal ma għandux jiġi interpretat b'mod strett, bħalma huwa l-każ ta' uffiċjal li diġà kellu din in-nazzjonalità qabel ma daħal fis-servizz. Dan għandu pjuttost jiġi interpretat bħal fil-kuntest tal-Artikolu 4(1)(a) tal-istess anness, fir-rigward ta' uffiċjal li ma kellux din in-nazzjonalità. Għalhekk, uffiċjal li kiseb in-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg tiegħu wara d-dħul tiegħu fis-servizz għandu jitlef l-allowance tal-espatrijazzjoni tiegħu biss jekk huwa kien għex hemm b'mod abitwali għal ħames snin jew iktar matul il-perijodu deċennali ta' referenza previst fl-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal. Ir-rikorrent isostni li, kieku din l-interpretazzjoni kienet ġiet segwita, il-Kummissjoni kien ikollha tikkonstata li huwa kien, b'mod abitwali, għex barra mill-post ta' impjieg matul dan il-perijodu u kellu jżomm id-dritt tiegħu għall-allowance tal-espatrijazzjoni.

111 Madankollu, għandu jitfakkar li l-użu tal-interpretazzjoni huwa possibbli biss sa fejn din tkun kompatibbli mat-test tad-dispożizzjoni inkwistjoni u li lanqas il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi ma' regola ta' saħħa vinkolanti superjuri ma jista' jservi bħala bażi għal interpretazzjoni *contra legem* (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Rayonna prokuratura Lom, C-467/18, EU:C:2019:765, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

112 Issa, fl-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, il-kundizzjoni ta' abitazzjoni "b'mod abitwali" li fuqha jiddependi l-għoti tal-allowance tal-espatrijazzjoni tirreferi għal post ta' residenza li jinsab barra mit-territorju Ewropew tal-pajjiż ta' impjieg, b'tali mod li, *a contrario*, u kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 76 iktar 'il fuq, għall-uffiċjali li għandhom in-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg, kull residenza f'dan il-pajjiż, anki ta' tul qasir, hija biżżejjed sabiex twassal għar-rifjut jew għat-telf tal-benefiċċju tad-dritt għal din l-allowance sakemm din tkun tista' tiġi kklassifikata bħala abitwali. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni ssemmi perijodu ta' referenza ta' għaxar snin, b'tali mod li l-applikazzjoni tagħha ma tistax tkun ibbażata fuq perijodu ta' referenza ta' ħames snin, li bl-ebda mod ma jaqa' taħt il-previżjonijiet tal-leġiżlatur.

113 Konsegwentement, interpretazzjoni, kif isostni r-rikorrent, tal-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, fis-sens li uffiċjal li jkun kiseb in-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg tiegħu matul il-karriera tiegħu għandu jitlef l-allowance tal-espatrijazzjoni tiegħu biss jekk ikun għex hemmhekk b'mod abitwali għal ħames snin jew iktar matul il-perijodu deċennali ta' referenza qabel id-dħul tiegħu fis-servizz hija inkompatibbli mal-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u mal-portata tagħha, kif interpretata b'mod kostanti mill-ġurisprudenza.

114 Barra minn hekk, u kif diġà ġie kkonstatat fil-punt 90 iktar 'il fuq, din l-interpretazzjoni twassal sabiex uffiċjal li jkun kiseb in-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg tiegħu matul il-karriera jiġi ttrattat b'mod paragunabbli ma' dawk li qatt ma kisbu dik in-nazzjonalità u li ma jkunux ifformalizzaw b'dan il-mod l-eżistenza ta' rabtiet multipli u mill-qrib ma' dak il-pajjiż.

115 L-interpretazzjoni, li jissuġġerixxi r-rikorrent, tal-kunċett ta' residenza abitwali fis-sens tal-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, li essenzjalment jirreferi għal residenza ta' ħames snin fil-pajjiż ta' impjieg għandha konsegwentement tiġi miċħuda.

116 Minn dan isegwi li r-rikorrent inutilment isostni li huwa ma kisirx ir-rabtiet tiegħu mar-Renju Unit, li tiegħu huwa barra minn hekk żamm in-nazzjonalità, u li huwa talab biss in-nazzjonalità Belġjana sabiex iżomm l-impjieg tiegħu, mingħajr ma kellu l-intenzjoni li jibqa' b'mod permanenti fil-Belġju.

117 Fil-fatt, mir-raison d'être tal-allowance tal-espatrijazzjoni, imfakkra fil-punti 44 u 48 iktar 'il fuq, jirriżulta li l-kwistjoni ma hijiex dwar jekk ir-rikorrent qatax kull kuntatt mal-pajjiż tal-ewwel nazzjonalità tiegħu, iżda li jiġi ddeterminat jekk, matul il-perijodu ta' referenza, huwa kellux mal-pajjiż ta' impjieg li tiegħu issa għandu n-nazzjonalità rabtiet suffiċjenti sabiex l-allowance tal-espatrijazzjoni jkollha tiġi rrifjutata lilu fid-dawl tal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal. Dan huwa, fil-fatt, il-każ hawnhekk. Ir-rikorrent irrisjeda b'mod abitwali fil-Belġju u ħadem hemm mill-inqas bejn l-1 ta' Marzu 1999 u l-31 ta' Diċembru 2000. F'dan ir-rigward, il-fatt, anki jekk jiġi pprovat, li huwa mar jaħdem hemmhekk biss sabiex jiġi rreklutat minn istituzzjoni tal-Unjoni huwa irrilevanti. Il-preżenza u t-twettiq ta' xogħol fil-post futur ta' impjieg ma humiex kundizzjoni ta' reklutaġġ u ma jistgħux jitqiesu bħala li jiffaċilitawh.

118 Barra minn hekk, bl-ebda mod ma jista' jiġi dedott mill-Artikolu 4 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal li l-awturi tiegħu taw importanza partikolari lill-mument tat-trasferiment tar-residenza barra mill-Istat li l-persuna kkonċernata għandha jew kellha n-nazzjonalità tiegħu jew lir-raġunijiet li ddeterminaw tali trasferiment (sentenza tal-25 ta' Settembru 2014, Grazyte vs Il-Kummissjoni, T-86/13 P, EU:T:2014:815, punti 58 u 78).

119 Barra minn hekk, l-ibbilanċjar tal-kwalità ta' ċittadin tar-Renju Unit u ta' ċittadin Belġjan, li r-rikorrent jipprova jwettaq u r-rikonoxximent, kif huwa jissuġġerixxi, tal-fatt li din l-ewwel nazzjonalità hija n-nazzjonalità predominanti għalih, iwassal għall-applikazzjoni tat-teorija tan-nazzjonalità effettiva li l-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet espressament fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Diċembru 1979, Deverd vs Il-Kummissjoni (257/78, EU:C:1979:294, punt 14).

120 Fl-aħħar nett, miċ-ċaħda tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' residenza abitwali proposta mir-rikorrent jirriżulta li huwa inutilment isostni li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi meta kkunsidrat, fid-deċiżjoni kkontestata, minn naħa, li huwa kien tant parti mis-soċjetà Belġjana fil-mument tar-reklutaġġ tiegħu li huwa kellu jipprova li huwa ma kienx għex fil-Belġju matul l-għaxar snin qabel id-dħul tiegħu fis-servizz, filwaqt li hija kienet qieset, min-naħa l-oħra, li huwa ma kienx integrat hemmhekk meta rrikonoxxiet id-dritt tiegħu għall-allowance tal-espatrijazzjoni fil-mument tal-ingaġġ tiegħu.

121 Fil-fatt, peress li l-kriterju ta' abitazzjoni "b'mod abitwali" huwa inqas rigoruż fil-kuntest tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal milli f'dak tal-Artikolu 4(1)(b) tal-istess anness, il-PMO seta', mingħajr ma jikkontradixxi lilu nnifsu u mingħajr ma jikser il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, jikkonkludi favur l-għoti tal-allowance tal-espatrijazzjoni abbażi ta' din l-ewwel dispożizzjoni fil-mument tad-dħul tar-rikorrent fis-servizz u jikkonkludi favur ir-revoka ta' din l-allowance abbażi tat-tieni waħda fil-mument tal-eżami mill-ġdid tas-sitwazzjoni tiegħu, wara li dan kien kiseb in-nazzjonalità Belġjana. Barra minn hekk, ir-rikorrent jista' wisq inqas jinvoka dan il-prinċipju peress li l-uffiċjali tal-Kummissjoni kienu ġew informati espressament bil-konsegwenzi li għalihom huma jkunu esposti billi jiksbu n-nazzjonalità tal-pajjiż ta' impjieg (ara l-punti 104 u 105 iktar 'il fuq).

122 Fid-dawl ta' dak li ntqal, it-tielet motiv huwa infondat.

4. Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità kontra l-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal

123 Sussidjarjament, fl-ipoteżi fejn il-motivi preċedenti jiġu miċħuda, ir-rikorrent iqajjem eċċezzjoni ta' illegalità kontra l-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, sa fejn dan huwa diskriminatorju kontra l-persuni li jinsabu fis-sitwazzjoni tiegħu, u dan għar-raġunijiet invokati insostenn tal-ewwel u tat-tieni motiv.

124 Sakemm din l-eċċezzjoni tintlaqa', ir-rikorrent, mingħajr ma jressaq formalment talbiet separati, jitlob lill-Qorti Ġenerali tordna lill-istituzzjonijiet jemendaw din id-dispożizzjoni, b'mod li din id-diskriminazzjoni tiġi eliminata.

125 Madankollu, l-eżami tal-ewwel żewġ motivi li għalihom jirreferi r-rikorrent wassal għall-konklużjoni li l-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal la kien diskriminatorju fih innifsu u lanqas fl-applikazzjoni tiegħu għalih f'dan il-każ.

126 Barra minn hekk, it-talba tar-rikorrent li l-Qorti Ġenerali tordna lill-istituzzjonijiet jemendaw l-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, b'mod li tiġi eliminata kull diskriminazzjoni, mhux biss hija infondata, iżda lanqas ma taqa' taħt il-kompetenza tal-Qorti Ġenerali, peress li din ma tistax tagħti ordnijiet lill-istituzzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Zink vs Il-Kummissjoni, T-338/16 P, mhux ippubblikata, EU:T:2018:98, punt 39).

127 Minn dan isegwi li r-raba' motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat u li t-talba tar-rikorrent li tinsab fih hija inammissibbli.

128 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, it-talbiet għal annullament tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda.

B. Fuq it-tieni, it-tielet u r-raba' kap tat-talbiet

129 Fit-tieni u t-tielet kap tat-talbiet tiegħu, ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali tordna lill-Kummissjoni tħallsu l-allowance tal-espatrijazzjoni u li tħallsu lura l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tiegħu, liema spejjeż huma marbuta ma' din l-allowance, u dan mill-1 ta' Diċembru 2017, flimkien mal-interessi moratorji.

130 Fir-raba' kap tat-talbiet tiegħu, ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali, jekk din tilqa' l-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma fir-rikors, li tannulla "l-applikazzjoni [fir-rigward tiegħu] tal-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal sakemm l-istituzzjonijiet jissostitwixxu din id-dispożizzjoni b'dispożizzjonijiet ta' natura nondiskriminatorja".

131 Dawn il-kapijiet tat-talbiet għandhom madankollu jiġu miċħuda, peress li huma l-aċċessorju tat-talbiet għal annullament li għadu kif ġie espost li huma stess għandhom jiġu miċħuda.

132 Minn dan isegwi li r-rikors għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq l-ispejjeż

133 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Madankollu, skont l-Artikolu 135(1) tal-istess regoli, meta jkun meħtieġ għal raġunijiet ta' ekwità, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li parti li titlef għandha tbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, parti biss mill-ispejjeż tal-parti l-oħra, jew saħansitra li ma għandhiex tiġi kkundannata f'dan ir-rigward.

134 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li jintervjenu fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

135 Fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, il-Qorti Ġenerali tqis li kull parti prinċipali għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha. Barra minn hekk, bħala istituzzjoni intervenjenti, il-Kunsill għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Colin Brown u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

Papasavvas Gervasoni Nihoul

Frendo Martín y Pérez de Nanclares

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-5 ta' Ottubru 2020.

Firem